**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Artikoli 18, 23, 31, 49, 50, 261 (b) ( c) (f), 263, 264, 267, 270, 278 (3), 279 (b), 280 (2) u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta**

**Magistrat**
**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL.D. DIP. MATR. (Can)**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Busuttil)**

**vs**

**GAETANO FALZON**
**(Karta tal-Identita' numru 868451M)**

**Illum, 26 ta' April, 2016.**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **Gaetano Falzon,** detentur tal-karta tal-identita' numru 868451(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:-

1. F'dawn il-Gzejjer bhala proprjetarju u/jew amministratur tal-fond '*Chez Gaetano Restaurant*', Triq Sant Antnin, San Pawl il-Bahar, bejn is-26 ta' Lulju, 2000 u 26 ta' Lulju, 2005 b'diversi azzjonijiet maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda, b'mezzi qarrieqa li bihom wiehed seta' kellu l-uzu jew il-konsum illegittimu ta' kurrent elettriku, kkommetta serq ta' kwantita' ta'

elettriku fl-ammont ta' hamsa u erbghin elf sitt mija u sebgha u tletin Ewro u wiehed u ghoxrin centezmu (€45,637.21) liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz u hin u bl-ammont ghad-detriment tal-Korporazzjoni Enemalta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex tapplika l-provedimenti t'Artikolu 533(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba wkoll titratta mal-imputat bhala recediv u dan wara li nstab hati b'diversi sentenzi tal-Qorti Kriminali ta' Malta, liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom estratt mill-att tat-twelid a fol. 8, fedina penali a fol. 9 et seq, u okkorrenza a fol. 17 et seq. tal-Process.

Rat illi din il-kawza giet assenjata temporanjament lil din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita b'digriet ta' Assenjazzjoni tal-Prim'Imhallef datat 21 ta' April, 2014 u b'mod permanenti b'digriet tal-20 ta' Novembru, 2014.

Illi nhar is-26 ta' Awwissu, 2014 xehed l-**Ispettur Joseph Busuttil** u spjega li fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Lulju, 2005 il-Pulizija gew infurmati minn Harry Buttigieg detentur tal-karta tal-identita' 177357(M) li jahdem bhala Senior Tradesman mal-Enemalta u minn Robert Busuttil detentur tal-karta tal-identita' 120475(M), ukoll Senior Tradesman mal-Enemalta illi waqt li dakinhar stess filghodu kienu qeghdin jaghmlu *inspection* gewwa Chez Gaetano Restaurant li jinsab

gewwa Bay Square, Bugibba gol-Pjazza ta' San Pawl innutaw illi kien hemm il-*meter* tad-dawl imbaghbas. It-tnejn (2) li huma qalu illi l-*make* tal-*meter* kien Iscra u n-numru tieghu kien *one five four six eight two six three* (15468263). Ir-*reading* li kien juri dak il-hin kien *six six zero four seven* (66047) u kellu wiehed mis-sigilli, cioe' dak kannella, li kien imbaghbas. Dakinhar bhala Spettur ta' l-ghassa kien hemm Roland Cassar fejn infurma lill-Magistrat tal-Ghassa, il-Magistrat Cassar, u dan innomina lil certu Hugh Camilleri bhala espert tal-Qorti fuq dan il-kaz.

Illi nhar is-17 ta' Ottubru, 2014 rega' xehed l-**Ispettur Joseph Busuttil** u esebixxa kopja relattiva ghall-kwerela li saret mill-Enemalta liema kwerela giet markata mill-Qorti bhala dokument JB1.

Illi nhar is-17 ta' April, 2015 xehed ghal darb' ohra l-**Ispettur Joseph Busuttil** u esebixxa zewg (2) sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati diversament preseduta nhar l-ghoxrin (20) ta' Ottubru, 2011 u l-ohra datata fl-ghoxrin (20) ta' Ottubru, 2012. Dawn iz-zewg (2) sentenzi gew mmarkati mill-Qorti bhala dokument CSH u CSH1.

Nhar il-15 ta' Settembru, 2014 xehed **Harry Buttigieg** u spjega illi fl-Lulju, tas-sena 2005 huwa kien mar sabiex flimkien ma' siehbu jbiddlu *meter* tad-dawl gewwa l-fond maghruf bhala *Chez Gaetan* fil-Pjazza ta' Bugibba. Qal li xogholu huwa proprjament li jbiddel il-*meters*. Waqt li kienu ser ibiddlu dan il-*meter* fil-prezenza tal-imputat li gharaf prezenti fl-Awla u PC 185, innotaw li kien hemm is-sigilli tas-*service box* li kienu nieqsa, is-sigilli tal-*base cover* tal-*meter* kienu

ukoll imbaghbsa u appena qatghu s-sigilli tal-*base cover* fethu l-*cover* u sabu illi kien hemm ix-*shunt* tal-*meter* miftuh. In segwitu waqt li kienu qed jiccekkjaw il-*load* sabu li kien hemm *service cable* li kien diehel minn go ventilatur u li kien hemm parti mill-post li kien qed jiehu d-dawl li ma kienx qed jigi rregistrat. Mieghu kien hemm ufficjal iehor mill-Enemalta bl-isem ta' Robert Busuttil. Sussegwentement jaf li nfethet inkjesta u kien mar l-Esopert tal-Qorti. Mistoqsi jekk qattx mar fuq dan il-post in kwistjoni qabel is-sena 2005 spjega li effettivament le ma marx. Mistoqsi min kien talbu biex ibiddel dan il-*meter* spjega li dik il-habta kienu qeghdin iduru l-postijiet u jbiddlu l-*meters* kollha.

Nhar il-15 ta’ Settembru, 2014 xehed **Robert Busuttil** u spjega illi huwa jahdem bhala Senior Distribution Tradesman mal-Enemalta. Jiftakar li fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Lulju, tas-sena 2005 kienu marru fuq *surprise inspection* fl-istabbiliment maghruf bhala *Chez Gaetano Restaurant*, Triq Sant' Antnin, San Pawl il-Bahar u appena bdew jispezzjonaw dan il-*meter* mill-ewwel indunaw li kellu s-sigilli fuq il-*base cover* tieghu li kienu mbaghbsa. Is-sigilli li normalment kienu jkunu kannella tal-plastik, li suppost kienu mqabbda mal-*fuses* tas-*service box* kienu miksura, anzi zied li kienu neqsin. In segwitu’ huma fethu dan il-*meter box* fil-prezenza ta' Gaetano Falzon li huwa l-imputat odiern. Peress illi raw li s-sigilli kienu mbaghbsa, huma ghamlu rapport l-ghassa. Iddeskriva li kien hemm ukoll il-*yellow shunt* miftuh u ghalhekk temporanjament regghu ssigillaw dan il-*meter box*, il-*base cover* tal-*meter* u ghamlu r-rapport l-Ghassa. Spjega li sussegwentement infethet inkjesta u kien mar fuq il-post l-espert nominat mill-Qorti Hugh Camilleri. Ix-xhud esebixxa r-rapport

maghmul minnu dakinhar, liema dokument gie mmarkat mill-Qorti bhala dokument Z. Mistoqsi jekk qattx kien mar fuq dan il-post qabel l-*inspection* in kwistjoni, spjega illi le qatt ma kien mar. Huma hemmhekk marru bhala *surprise inspection*.

Illi nhar il-15 ta' Settembru, 2014 xehed **Alan Chetcuti** u spjega li huwa jahdem fir-Revenue Insurance Section tal-Enemalta. Spjega illi rigward l-ispezzjoni li saret nhar is-sitta u ghoxrin (26) ta' Lulju, 2005 gewwa l-fond *Chez Gaetano Restaurant*, Triq Sant' Antnin, San Pawl il-Bahar u fid-dawl tal-irregolaritajiet li nstabu f'dan il-fond, l-Enemalta ghamlet stima ghal dak id-dawl li ma kienx gie rregistrat. Spjega li f'dak l-ezercizzju huma jqabblu l-konsum antik tal-ahhar hames (5) snin qabel l-ispezzjoni, tar-*readings* ta' wara l-ispezzjoni u jqabbluhom mar-*readings* ta' erbgha mija w disgha w erbghin (449) jum sussegwenti ghall-ispezzjoni. Spjega li jekk wiehed jara r-*readings* tal-ahhar hames (5) snin, il-konsum kien ta' 261 *units* ta' dawl kuljum mentri fuq il-*meter* il-gdid telghu 545.8 *units* kuljum, u ghalhekk iktar mid-doppju taghhom. Qal li l-Enemalta qed tibbaza l-istima taghha fuq dawn il-kalkoli u l-ammont li waslu ghalih ghal dawn l-ahhar hames (5) snin huwa l-ammont ta' hamsa w erbghin elf, disgha mija w tnejn u tletin Ewro u disgha u tmenin centezmu (€45,932.89) li huwa l-ammont tal-istima qabel il-VAT. Esebixxa kopja ta' din l-inkartament li gie mmarkat mill-Qorti bhala dokument Z. Esebixxa ukoll id-*draft* tal-konsum li gie mmarkat bhala dokument Z1 u fejn jidher car illi l-konsum wara l-ispezzjoni ghola. Esebixxa ukoll il-*meter card* li gie mmarkat bhala dokument Z2 illi jindika illi dan il-*meter* kien hareg mill-*istores* taghhom sabiex jigi nstallat f'Lulju, tas-sena 1993 fuq applikazzjoni tas-Sur Falzon u ghalhekk il-

kontijiet kienu johorgu f'ismu. Dan id-dokument gie mmarkat bhala dokument Z3. Ikkonferma li l-*meter* kien registrat f'isem Gaetano Falzon u baqa' hekk. Iddikjara li l-*comparisons* li ghamlu kienu jikkoncernaw ir-*readings* mis-sena 2000 sas-sena 2005 mar-*reading* sussegwenti bejn Lulju, 2005 u Ottubru, 2006. Qal ukoll li l-*meter* f'dak il-perjodu 2005 u 2006 ukoll baqa' jghajjat lil Gaetano Falzon. Qal li jista' jkun li kien hemm xi domanda biex jinqata' dan is-servizz ghax ma thallsux il-kontijiet pero' mhuwiex zgur ghaliex mhux il-kompitu tieghu. Ix-xhud qal li fuq il-post tal-ispezzjoni ma mar qatt.

Illi nhar it-3 ta' Marzu, 2015 xehed **Alan Chetcuti** u meta kien muri l-kwerela li tinsab esebita f'dawn l-atti a fol. 50 tal-Process, ikkonferma li din hija l-kwerela li huma kienu baghtu rigward il-kaz ta'konsum mhux registrat fil-fond *Chez Gaetan Restaurant*, St. Anthony Street, Bugibba.

Illi nhar il-15 ta' Dicembru, 2015 rega' xehed **Alan Chetcuti** u spjega illi huwa fl-ebda hin ma kien involut fl-*inspection* fuq il-post. Huwa involut biss fil-kalkolazzjoni tar-*readings* u tal-hlas li kellu jsir. Huwa fl-ebda hin ma mar fuq il-post u ghalhekk ir-readings li hadem fuqhom ma hadhomx hu. Sostna li dawn ir-*readings gew extracted* mis-sistema tas-*software* li hemm. Spjega li huwa kien ikkonkluda illi fil-perjodu bejn Lulju tas-sena 2005 sa hames (5) snin qabel, il-konsum li kien gie registrat kien ta' 261 *units* kuljum ta' dawl, waqt li fuq perjodu ta' sena u ftit aktar wara, cioe' minn Lulju 2005 sa Ottubru 2006 il-konsum kien ghal 545.7 *units* ta' dawl kuljum. Qal li dawn huma *actual readings*.

Spjega illi fil-*peak* tas-Sajf imkien m'hemm registrat li huwa komparabbli fil-*meter* il-gdid, tant hu hekk illi l-ahhar *reading* tal-*meter wa*qt l-ispezzjoni, nzerta fil-*peak reading* tas-sajf, cioe' mill-hmistax (15) sas-sitta u ghoxrin (26) ta' Lulju. B'hekk il-*meter* kien registrat ghal 397 *units*. Qal li jekk dan jitqabbel mar-*reading* ta' wara, fejn is-sajf beda jbatti xi ftit, cioe' mis-sitta u ghoxrin (26) ta' Lulju sas-sitta (6) ta' Ottubru, 2005 il-konsum minn 397 tela' ghal 663.875 units.

Nhar l-10 ta' Novembru, 2014 xehed l-**ex Spettur Roland Cassar** u spjega li jiftakar li fis-sena 2005 huwa kien stazzjonat l-Ghassa tal-Pulizija tal-Qawra u jiftakar li kien mar Inginier tal-Enemalta u kien qalilhom li kien sab *meter* li allegatament kien imbaghbas gewwa l-istabbiliment *Chez Gaetano Restaurant*, Triq Sant' Antnin, San Pawl il-Bahar. Huwa sussegwentement kien informa lill-Magistrat ta' l-ghassa dwar dan u kienet infethet inkjesta relattiva.

Nhar il-10 ta' Novembru, 2014 xehed il-**PL Quentin Tanti** ghan-nom tal-Malta Tourism Authority. Mistoqsi lil min tghajjat il-licenzja fuq l-istabbiliment 79, St. Anthony Street, Bugibba. Spjega li fil-prezent dan l-istess stabbiliment jismu *Da Nicole Restaurant* pero' qabel id-disgha (9) ta' April, 2010 kien jismu *Chez Gaetane*. Spjega illi l-imputat cioe' Gaetano Falzon ID Card Number 868451(M) kien il-*licensee* ta' dan l-istabbiliment.

Spjega li ghalkemm il-*print out* li esebixxa prezenzjalment u li giet immarkata mill-Qorti bhala Dokument Z tirreferi ghal Da Nicole

Restaurant, pero' zied illi dan id-dokument jikkontjeni wkoll l-informazzjoni dwar ir-*restaurant Chez Gaetane* u li l-*print out* tohrog hekk hekk peress li llum il-gurnata isem il-fond kummercjali nbidel. Fil-fatt spjega li l-indirizz tal-fond huwa l-istess.

Illi nhar l-10 ta' Novembru, 2014 xehed **PS 185 Roger Mifsud** u spjega li fil-gurnata in kwistjoni huwa kien stazzjonat il-Mobile Squad, *overtime* mal-haddiema tal-Enemalta u kien involut fis-*surprise inspection* mizmum minnhom fil-fond *Chez Gaetano Restaurant,* Triq Sant' Antnin, San Pawl il-Bahar. Sostna li huwa kien prezenti biex izomm il-buon ordni. Jaf li l-ufficjali tal-Enemalta ghamlu l-inkarigu moghti lilhom, bla incidenti. Ix-xhud qal li waqt din l-ispezzjoni kien hemm l-imputat li gharaf prezenti fl-Awla.

Illi nhar is-17 ta' April, 2015 xehed **PS 698 Shaun Joseph Tabone** u spjega illi jiftakar illi huwa kien stazzjonat ghal xi zmien l-Ghassa tal-Pulizija tal-Qawra u kien ordnat jakkompanja lil xi ufficjali tal-Enemalta fuq spezzjoni li kellha ssir gewwa fond maghruf bhala *Chez Gaetano Restaurant,* Triq Sant'Antnin, San Pawl il-Bahar. Ikkonferma li din l-ispezzjoni saret nhar is-sitta u ghoxrin (26) ta' Lulju, 2005. Huwa qed esebixxa l-okkorrenza relattiva ghal din l-ispezzjoni, liema okkorrenza giet immarkata mill-Qorti bhala dokument PS. Spjega li fil-fatt kien hu li ghamel din l-istess okkorrenza.

Rat illi nhar it-22 ta' Mejju, 2015 l-Avukat Generali baghat l-Artikoli li tahthom deherlu li tista' tinstab htija. Illi waqt is-seduta tas-26 ta' Mejju, 2015, il-Qorti qrat l-Artikoli u semghet lill-imputat jiddikjara li

ma kellux oggezzjoni li din il-kawza tigi deciza minn din il-Qorti kif presjeduta.

Illi nhar it-2 ta' Frar, 2016 xehed **Hugh Camilleri** u spjega illi meta l-Enemalta taghmel *surprise inspection,* jaraw il-kontijiet u jaraw jekk kienx hemm xi avarijiet u abbazi tal-istess jaghmlu l-*inspection* u ghalhekk ikollhom gja indikazzjoni l-*inspection* issir abbazi tar-*readings* li l-Enemalta jkollha qabel. Iddikjara li hu ma jkollux access ghar-*records* tal-Enemalta, u jista' jitkellem biss fuq l-ispezzjoni li jkun ghamel hu dakinhar. Lanqas ma jkun jaf jekk effettivament tkunx saret *inspection* qabel.

Spjega li t-*three phase meter* ikollu r-*red,* il-*blue* u l-*yellow* u li jekk meter ikollu s-sigilli mbaghabsin ikun hemm speci ta' gangetta li jekk tkun mghollija jkun ifisser li l-*meter* ma jkunx qed jirregistra fuq tlieta (3) izda fuq tnejn (2) u ghalhekk terz mill-konsum ma jkunx qed jigi irregistrat. Ikkonferma li huwa dejjem kien prezenti ghal dawn it-testijiet li saru fuq il-*meter* u spjega li effettivament mill-apparat li kellhom ma nqarax il-konsum kollu.

Ikkonfermat li l-*meter* in kwistjoni kien jghajjat lill-imputat. Zied pero' li kien hemm ukoll *flat,* izda l-*meter* tal-*flat* kien tajjeb u kien *single phase*. Sostna illi parti mid-dawl kien diehel direttament minn barra u normalment dan ix-xoghol ma jsirx minn *electrician* normali izda jsir minn xi hadd professjonali, u cioe' jista' jkun li kien hemm xi hadd tal-Enemalta. Qal li biex wiehed idahhal servizz dirett tal-Gvern ghal gewwa huwa difficli u huwa tal-fehma li meta jsir hekk jista jinqata' s-sevizz tal-area kollha.

Semghet lill-partijiet jitrattaw il-kaz u dan fis-seduta tat-22 ta' Marzu 2016 fejn talbu lil din il-Qorti tghaddi ghas-sentenza taghha.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-fatti fil-qosor li taw lok ghal dan il-kaz, kienu s-segwenti:

l. Zewg impjegati tal-Enemalta, u cioe' Robert Busuttil u Harry Buttigieg gew mibghtua sabiex jaghmlu spezzjoni ghall-gharrieda fuq il-*meter* li kien hemm installat fil-fond kummercjali *Chez Gaetano,* fil Pjazza ta' Bugibba.

2. Jinghad li din l-ispezzjoni saret nhar is-26 ta Lulju 2005 u dan fil-prezenza tal-imputat u ufficjal tal-pulizija, u cioe' PS 185 Roger Mifsud.

3. Illi waqt din l-ispezzjoni nstab li kien hemm tbaghbis fil-*meter* installat fil-fond *Chez Gaetano,* f Bugibba, u li kien hemm kurrent diehel mil-linji tal-Gvern minn barra u ghalhekk il-konsum ma kienx qed jigi registrat sewwa.

4. Illi l-impjegati tal-Enemalta nformaw lill-Ispettur Roland Cassar li min-naha tieghu informa lill- Magistrat li kien ta' l-ghassa dakinhar u cioe' lill-Magistrat Joseph Cassar, u konsegwentement infethet l-inkjesta relattiva.

5. Illi l-Magistrat Cassar innomina bhala espert tekniku lil Hugh Camilleri li qeda l-inkarigu moghti lilu billi nhar l-4 ta' Mejju 2007 (fol. 76) ipprezenta ir-relazzjoni tieghu quddiem din il-Qorti diversament preseduta.

6. Illi dan l-espert ikkonkluda ukoll li mhux biss kien hemm tbaghbis fil-*meter,* li seta' sar minn *electrician* normali, izda kien hemm ukoll dawl li

kien gej minn barra diehel ghal gewwa u jaqbez il-*meter*, liema xoghol fil-fehma tieghu ma sarx minn *electrician* normali izda seta' kien il-kaz li kien hemm komplici membru tal-Enemalta stess.

7. Fir-relazzjoni tieghu a fol. 87 tal-atti, l-espert tekniku jiddeskrivi dak li sab dwar tbaghbis fil-meter. Qal is-segwenti:- "*Dan il-meter kien jinsab gol-basement fejn jahslu l-platti. Kien tal-ghamla Iskra u kien igib numru 15468263 u kien qed jirregistra l-konsum, qari kien 66074 units. Is-sigilli l-homor bin-numri 320042 u 320062 tajbin pero kellu l-cover imxaqqaq fuq ix-xellug ini u thares lejh. Is-sigili blue bin-numru 0021531 u 0021600 kienu jidhru mbaghbsin billi kellhom ghafsiet fuq il-pocket. Meta nfetah il-base cover instab li x-shants tal-blue phase u r-red phase kienu sew waqt li dak tal-yellow phase tan-nofs kien miftuh, Dan il-meter kellu s-sigilli l-kannella tas-service box neqsin. Il-meter kellu sigilli temporanji.*"

8. Ikkonkluda wkoll li dan il-*meter* kien gie mibdul fiz-zmien meta l-hanut kien qed jigi gestiti mill-imptuat odjern u l-imputat kien ilu jopera minn dan il-hanut ghal dawn l-ahhar hamsa w ghoxrin sena.

Illi l-Prosekuzzjoni ghogobha takkuza lill-imputat bir-reat ta' serq ta' kurrent elettriku bl-aggravju tal-hin, ammont u mezz.

Il-Qorti semghet lill-partijiet jitrattaw il-kaz u tawgura lill-avukat difensur li jkompli jistudja l-kawzi tieghu u jipprepara d-difiza bl-istess mod kif assista lill-imputat odjern.

Waqt li l-Proskeuzzjoni rrimettiet ruhha ghall-provi processwali, d-difiza sostniet fl-ewwel lok li l-azzjoni illum hi preskritta ai termini tal-Artikolu 688 (d) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, w dan ghaliex l-aggravju tal-hin ma giex ipprovat u ghalhekk il-piena massima f'kaz ta' htija hija dik ta' massimu ta' tliet snin ai termini tal-Artikolu 278 (1) u (2). Illi l-Artikolu 688 (d) jipprovdi li reat huwa preskritt jekk il-piena tieghu ta' prigunerija hija ghal perijodu ta' inqas minn erba' snin u izda mhux inqas minn sena.

> *"688. Bla ħsara ta' fejn il-liġi tiddisponi xort'oħra, l-azzjoni kriminali taqa' bi preskrizzjoni-...*
> *(d) bl-egħluq ta' ħames snin għad-delitti suġġetti għallpiena ta' priġunerija għal żmien ta' anqas minn erba' snin u mhux anqas minn sena;"*

Illi ghalhekk huwa d-dover ta' din il-Qorti li tinvestiga l-provi kif prodotti mill-partijiet.

L-imputat ghazel li ma jixhidx f'dawn il-proceduri, kif kellu kull dritt li jaghmel, u lanqas xehed fl-atti tal-inkjesta, u ghalhekk zgur li ma rnexxilux jeghleb il-presunzjoni kkrejata taht din d-disposizzjoni tal-ligi ta' *iuris tantum* u konsegwentement din il-Qorti ghandha taghti affidament lill-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni u dan sabiex tara jekk l-akkuza bl-aggravji taghha gietx ipprovata jew le.

**Kunsiderazzjonijiet Legali.**

Huwa principju fundamentali fi proceduri penali li persuna akkuzata hija prezunta nnocenti sakemm ippruvata hatja, w dan ai termini tal-Artikolu 40 Subinciz 5 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, li jiddisponi is-segwenti:

*"every person who is charged with a criminal offence shall be presumed to be innocent until he is proved or has pleaded guilty..."*

Dan il-principju gie wkoll sanat fis-sentenza moghtija minn **Sir Augustus Bartolo** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Michele Borg et** (deciza mil-Qorti ta' l-Appell Kriminali nhar it-13 ta' Mejju, 1936) fejn intqal:

*"illi skond il-principju u s-sistema tal-ligi u procedura penali taghna imfassla fuq dak ta' l-Ingilterra u li huma strettament d'ordine pubblico; 'the accused is presumed innocent until proved guilty.' "*

U issa ghalhekk wiehed jistaqsi 'Xi tfisser verament presunzjoni tal-innocenza?' Din tfisser li l-akkuzat ma jrid jipprova xejn dwar l-innocenza tieghu- hija l-Prosekuzzjoni li trid tipprova l-htija tieghu. Ghalhekk peress li hija l-Prosekuzzjoni li allegat il-htija tal-imputat, l-*onus* generali tal-prova, w cioe' tal-prova tal-htija, tistrieh fuq il-Prosekuzzjoni, li ghandha ghalhekk tipprova kull element tar-reat partikolari sabiex tasal ghal din l-istess konkluzjoni.

L-obbligu li tipprova l-htija tal-akkuzat irid ikun assolut, oltre kull dubbju dettat mir-raguni w f'kaz li jkun hemm xi dubbju ragjonevoli, il-

Prosekuzzjoni tigi kunsidrata li ma ppruvatx il-kaz taghha ta' htija, w ghalhekk il-Qorti hija obbligata li tillibera.

Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lill-imputat, huma veri u dan ghaliex kif jghid il-**Manzini** fil-ktieb tieghu ***Diritto Penale*** – vol. III, Kap. IV, pg. 236, Ediz. 12 - 1890:

> *"il cosi detto onero della prova, cioe il carico di fornire, spetta ai chi accusa onus probandi incumbit qui asserit."*

Il-Qorti hawnhekk taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija v Peter Ebejer** deciza fil-5 ta' Dicembru, 1997, fejn il-Qorti tenniet li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubbju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubbju. Id-dubbji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubbji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu li, wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, w b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni.

L-Artikolu 264(1) tal-Kap 9 li bih huwa akkuzat l-imputat jistabilixxi li jekk jigi ppruvat il-ksur u l-presenza ta' mezzi qarrieqa li bihom wiehed jista’ jkollu l-uzu jew il-konsum illegittimu tal-kurrent elettriku (kif gara f’dan il-kaz) jew ibiddel ir-registrazzjoni tal-konsum, allura jitqies bhala

prova li d-detentur tal-fond jew il-persuna li jkollha f'idejha l-fond fejn ikunu nstabu dawn il-mezzi qarrieqa, **jaf** b'dan l-uzu jew konsum ta' kurrent elettriku, sakemm ma jigix ippruvat il-kuntrarju.

Il-Qorti taghmel referenza ghal diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fosthom **Il-Pulizija v Anthony Lanzon** moghtija nhar it-2 ta' Settembru, 1998, **Il-Pulizija v Emanuel sive Lino Cassar** moghtija nhar is-26 ta' Ottubru, 1998, **Il-Pulizija v Paul Barbara** moghtija nhar is-26 ta' Mejju, 1998 fejn gie spjiegat il-presunzjoni *iuris tantum* applikabbli ghal dan ir-reat kif dispost fl-Artikolu 264(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghalhekk f'dan il-kaz, l-onus tal-prova jinqaleb u ma jibqax iktar fuq il-Prosekuzzjoni izda jinkombi fuq l-imputat odjern. Ir-rizultat ta' dan l-ispustjar tal-prova ghal fuq l-imputat hi li l-posizzjoni tal-Prosekuzzjoni tkun giet reza aktar facli u b'hekk hi tkun tista’ tasal fejn trid minghajr sforzi ta' xejn.

Illi huwa car ghalhekk li dan l-Artikolu 264(2) tal-Kap. 9 johrog presunzjoni ta' **dolo**, *iuris tantum*, li ghandha tipprevali jekk ma jigix ippruvat il-kuntrarju.

Din il-presunzjoni ma hix xi wahda assoluta w li ghandha tigi applikata bl-akbar rigorosita’. Din tregi biss sakemm ma jingibux provi kuntrarji li jistghu jingiebu mill-imputat. Ma’ dan il-Qorti trid tosserva li l-ligi ma

tispustjax l-oneru tal-prova tal-innocenza tal-imputat ghal fuqu. L-oneru tal-prova jibqa' dejjem fuq il-Prosekuzzjoni li ghandha a favur taghha din il-presunzjoni li pero', tista' tigi newtralizzata b'xhieda u provi ohra tal-istess Prosekuzzjoni jew tad-Difiza [ara wkoll Appell Kriminali 282/93 **Il-Pulizija v Michael Attard** deciza nhar it-12 ta' Frar, 1993 per Imhallef Carm Lino Agius].

Huwa ovvju li l-asportazzjoni ta' l-ilma hi asportazzjoni ta' tip specjali u *sui generis*, trattandosi mhux ta' korp fiziku imma ta' volum ta' ilma, issir mhux bil-komunikazzjoni llegali, li ghal bzonn tista' tkun saret minn haddiema qabel, imma bl-uzu attivat ta' l-apparat kunsumatur ta' l-ilma fil-konsapevolezza li l-konsum mhux qed jimmarka jew mhux qed jimmarka sew minhabba interruzzjoni. Min juza l-apparat konsumatur u wara li jkun sar it-tbaghbis u meta jkun jaf b'dan, ma jigux qed jisraq inqas milli kieku kien hu stess li interrompa r-registrazzjoni.

Huwa ovvju illi biex jigi ppruvat is-serq, iridu jikkalkulaw l-element materjali u formali necessarji f'kull reat, il-*mens* u l-*actus* iridu jissussistu l-elementi kollha ta' dan ir-reat.

L-*actus reus* tas-serq jinkludi fih il-fatt li l-akkuzat ibbenifika anke minimament mill-ezekuzzjoni tal-hsieb li bil-*mens rea* tieghu iddecieda illi jattwa.

Issa f'dan il-kaz il-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova li verament kien hemm serq ta' kurrent elettriku - w dan qed jinghad ghaliex l-imputat ma rnexxilux jeghleb il-presunzjoni *iuris tantum* li l-ligi timponi fuqu, irnexxielha wkoll tipprova l-mezz tas-serq stante li kien hemm tbaghbis fil-gumi li bhala konsegwenza ta' dan kien hemm in-non-registrar tal-konsum, pero' verament li kif sostniet id-Difiza ma pprovatx l-aggravju tal-hin. Kien jispetta lill-istes Prosekuzzjoni tipprova dan l-aggravju, minkejja li tezisti l-prezunzjoni *iuris tantum*. Din il-prezunzjoni ma tezistix fir-rigward tal-aggravju tal-hin per se, izda dwar l-akkuza principali tas-serq ta' kurrent elettriku kif dispost fl-Artikolu 264 (2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issa kif jinghad aktar 'il fuq, jekk din il-Qorti kellha ssib lill-imputat hati tar-reat ta' serq aggravat bil-mezz u l-valur, il-piena ma teccedix l-erba' snin u ghalhekk l-azzjoni hija preskritta bl-applikazzjoni tal-Artikolu 688 (d) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issa l-allegat serq ta' kurrent elettriku sar bejn is-26 ta' Lulju 2000 u is-26 ta' Lulju 2005. L-inkjeta relattiva tal-Magistrat ta' l-ghassa infethet fis-26 ta' Luju 2005 u inghalqet fis-26 ta Lulju 2007. Minn ezami tal-*proces verbal* ta' din l-inkjesta jirrizulta li l-Magistrat ta' l-Ghassa, l-allura Magistrat Dr. Giovanni Griscti kien ikkonkluda li fil-fehma tieghu kien sar serq ta' kurrent eletttriku u kien ordna lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jiehu passi kriminali kontra l-imputat. Cio' nonostante l-Prosekuzzjoni rregistrat din il-kawza nhar il-25 ta' Settembru 2013 u cioe' aktar minn tmien (8) snin wara li gie kkonsmat ir-reat.

**Ghalhekk huwa minnu dak li eccepiet id-Difiza fit-trattazzjoni taghha, cioe' li dan ir-reat huwa preskritt u konsegwentement din il-Qorti ser tastjeni milil tiehu konjizzjoni ulterjuri tieghu.**

**Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D.**
**Magistrat**